2025/1490

25.7.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1490

tal-24 ta' Lulju 2025

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 564/2013 fir-rigward tal-adattament tat-tariffi għall-inflazzjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 80(1) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 564/2013 ([2]), it-tariffi previsti f'dak ir-Regolament għandhom jiġu rieżaminati kull sena b'referenza għar-rata tal-inflazzjoni kif imkejla permezz tal-Indiċi Ewropew tal-prezzijiet għall-konsumatur kif ippubblikat mill-Eurostat.

(2) Sabiex jitwettaq dan ir-rieżami annwali għas-sena 2024, jenħtieġ li t-tariffi jiġu aġġustati f'konformità mar-rati medji annwali tal-inflazzjoni għall-2021, l-2022 u l-2023, kif ippubblikati mill-Eurostat biex jirriflettu r-rata ta' inflazzjoni kumulattiva ta' 19,5 %.

(3) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 564/2013 jiġi emendat skont dan.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 564/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Annessi I u II huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(2) L-Anness III huwa sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 564/2013 tat-18 ta' Ġunju 2013 dwar it-tariffi u l-imposti dovuti lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 19.6.2013, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/564/oj).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Annessi I u II tar-Regolament (UE) Nru 564/2013 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness II, it-Tabella 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabella 1

Tariffi standard

Deskrizzjoni ġenerali tal-kompitu; dispożizzjoni rilevanti fir-Regolament (UE) Nru 528/2012	Kundizzjoni speċifika jew deskrizzjoni tal-kompitu	Tariffa (EUR)
Approvazzjoni ta' sustanza attiva; Artikolu 7(2)	Tariffa għall-ewwel tip ta' prodott li għalih hija approvata dik is-sustanza attiva	143 400
	Tariffa addizzjonali għal kull tip ta' prodott addizzjonali	47 800
	Tariffa addizzjonali għal kull tip ta' prodott (kemm fuq l-ewwel tip ta' prodott kif ukoll kwalunkwe tip ta' prodott addizzjonali) jekk is-sustanza attiva tkun kandidata għas-sostituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012	23 900
	Tariffa għall-emenda ta' approvazzjoni, minbarra ż-żieda ta' tip ta' prodott	23 900
Tiġdid tal-approvazzjoni; Artikolu 13(3)	Tariffa għall-ewwel tip ta' prodott li għalih qed jintalab it-tiġdid ta' dik is-sustanza attiva	17 925
	Tariffa addizzjonali għal kull tip ta' prodott addizzjonali	1 793
	Tariffa addizzjonali għall-ewwel tip ta' prodott li għalih jintalab it-tiġdid ta' dik is-sustanza attiva fil-każ li jinstab li hija meħtieġa evalwazzjoni sħiħa f'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012	29 875
	Tariffa addizzjonali għal kull tip ta' prodott addizzjonali fil-każ li jinstab li hija meħtieġa evalwazzjoni sħiħa f'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012	2 988
	Tariffa addizzjonali għal kull tip ta' prodott (kemm fuq l-ewwel tip ta' prodott kif ukoll kwalunkwe tip ta' prodott addizzjonali) jekk is-sustanza attiva tkun kandidata għas-sostituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012	23 900
Inklużjoni fl-Anness I ta' sustanza attiva; Artikolu 28	Tariffa għall-ewwel inklużjoni fl-Anness I ta' sustanza attiva	11 950
	Tariffa għall-emenda ta' inklużjoni ta' sustanza attiva fl-Anness I	2 390
Notifika f'konformità mal-Artikolu 17(4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 ([1])	Tariffa għal kull kombinazzjoni ta' sustanza/tip ta' prodott. It-tariffa għan-notifika għandha titnaqqas mill-applikazzjoni sussegwenti għall-approvazzjoni	11 950

([1]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294, 10.10.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2014/1062/oj)."

(2) fl-Anness II, it-Tabella 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabella 1

Tariffi standard

Deskrizzjoni ġenerali tal-kompitu; dispożizzjoni rilevanti fir-Regolament (UE) Nru 528/2012	Kundizzjoni speċifika jew deskrizzjoni tal-kompitu	Tariffa (EUR)
Għoti ta' awtorizzazzjoni tal-Unjoni, prodott uniku; Artikolu 43(2)	Tariffa għal kull prodott mhux identiku għall-prodotti rappreżentattivi, jew għal wieħed minnhom, ivvalutati għall-fini tal-approvazzjoni tas-sustanza	95 600
	Tariffa għal kull prodott identiku għall-prodotti rappreżentattivi, jew għal wieħed minnhom, ivvalutati għall-fini tal-approvazzjoni tas-sustanza	47 800
	Tariffa addizzjonali għal kull prodott meta tkun meħtieġa valutazzjoni komparattiva f'konformità mal-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012	47 800
	Tariffa addizzjonali għal kull prodott meta l-awtorizzazzjoni mitluba tkun provviżorja f'konformità mal-Artikolu 55(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012	11 950
Għoti ta' awtorizzazzjoni tal-Unjoni, familja ta' prodotti bijoċidali; Artikolu 43(2)	Tariffa għal kull familja	179 250
	Tariffa addizzjonali għal kull familja meta tkun meħtieġa valutazzjoni komparattiva f'konformità mal-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012	71 700
	Tariffa addizzjonali għal kull familja meta l-awtorizzazzjoni mitluba tkun provviżorja f'konformità mal-Artikolu 55(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012	17 925
Notifika lill-Aġenzija ta' prodott addizzjonali fi ħdan familja ta' prodotti bijoċidali; Artikolu 17(6)	Tariffa għal kull prodott addizzjonali	2 390
Awtorizzazzjoni tal-Unjoni ta prodott bijoċidali li jkun l-istess; Artikolu 17(7)	Tariffa għal kull prodott li jikkostitwixxi "prodott li jkun l-istess" skont it-tifsira tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 414/2013 [1]	2 390
Bidla maġġuri ta' prodott awtorizzat jew ta' familja ta' prodotti; Artikolu 50(2)	Tariffa għal kull applikazzjoni	47 800
Bidla minuri ta' prodott awtorizzat jew ta' familja ta' prodotti; Artikolu 50(2)	Tariffa għal kull applikazzjoni	17 925
Bidla amministrattiva ta' prodott awtorizzat jew ta' familja ta' prodotti; Artikolu 50(2)	Tariffa għal kull notifika	2 390
Rakkomandazzjoni dwar il-klassifikazzjoni ta' bidla ta' prodott awtorizzat jew ta' familja ta' prodotti; Artikolu 50(2)	Tariffa għal kull talba f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013 [2] Jekk ir-rakkomandazzjoni hija li l-bidla tiġi kklassifikata bħala bidla amministrattiva jew minuri, it-tariffa għat-talba għandha titnaqqas mill-applikazzjoni jew in-notifika sussegwenti f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 354/2013	2 390

Deskrizzjoni ġenerali tal-kompitu; dispożizzjoni rilevanti fir-Regolament (UE) Nru 528/2012	Kundizzjoni speċifika jew deskrizzjoni tal-kompitu	Tariffa (EUR)
Tiġdid ta' awtorizzazzjoni tal-Unjoni, prodott uniku; Artikolu 45(3)	Tariffa għal kull prodott	5 975
	Tariffa addizzjonali għal kull prodott fil-każ li jinstab li hija meħtieġa evalwazzjoni sħiħa f'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012	17 925
	Tariffa addizzjonali għal kull prodott meta tkun meħtieġa valutazzjoni komparattiva f'konformità mal-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012	47 800
Tiġdid ta' awtorizzazzjoni tal-Unjoni, familja ta' prodotti bijoċidali; Artikolu 45(3)	Tariffa għal kull familja ta' prodotti	8 963
	Tariffa addizzjonali għal kull familja ta' prodotti fil-każ li jinstab li hija meħtieġa evalwazzjoni sħiħa f'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012	26 888
	Tariffa addizzjonali għal kull familja ta' prodotti meta tkun meħtieġa valutazzjoni komparattiva f'konformità mal-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012	71 700

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 414/2013 tas-6 ta' Mejju 2013 li jispeċifika proċedura għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti bijoċidali li huma l-istess skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 125, 7.5.2013, p. 4., ELI: ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/414/oj).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013 tat-18 ta' April 2013 dwar bidliet tal-prodotti bijoċidali awtorizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 109, 19.4.2013, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/354/oj)."

ANNESS II

"*ANNESS III*

Tariffi oħrajn

Deskrizzjoni ġenerali tal-kompitu; dispożizzjoni rilevanti fir-Regolament (UE) Nru 528/2012)	Kundizzjoni speċifika jew deskrizzjoni tal-kompitu	Tariffa (EUR)
Ekwivalenza teknika; Artikolu 54(3)	Tariffa, meta d-differenza bejn is-sorsi tas-sustanza attiva hija limitata għal bidla tal-post tal-manifattura, u l-applikazzjoni hija bbażata biss fuq data analitika	5 975
	Tariffa, meta d-differenza bejn is-sorsi tas-sustanza attiva tmur lil hinn minn bidla tal-post tal-manifattura, u l-applikazzjoni hija bbażata biss fuq data analitika	23 900
	Tariffa meta ma jkunux ġew issodisfati kundizzjonijiet preċedenti.	47 800
Tariffa annwali għal prodotti bijoċidali awtorizzati mill-Unjoni; Artikolu 80(1)(a)	Tariffa għal kull awtorizzazzjoni tal-Unjoni ta' prodott bijoċidali	11 950
	Tariffa għal kull awtorizzazzjoni tal-Unjoni ta' familja ta' prodotti bijoċidali	23 900
Tariffa għas-Sottomissjoni ta' Rikonoxximent Reċiproku; Artikolu 80(1)(a)	Tariffa għal kull prodott jew familja ta' prodotti kkonċernat(i) minn applikazzjoni għal rikonoxximent reċiproku, għal kull Stat Membru fejn huwa mitlub ir-rikonoxximenti reċiproku	837
Appell; Artikolu 77(1)	Tariffa għal kull appell	2 988
Sottomissjoni għall-inklużjoni fil-lista ta' persuni rilevanti; Artikolu 95	Tariffa għal kull preżentazzjoni ta' ittra ta' aċċess għal dossier li jinstab diġà komplet mill-Aġenzija jew minn Awtorità Kompetenti li tevalwa	2 390
	Tariffa għal kull sottomissjoni ta' ittra ta' aċċess għal parti ta' dossier li jinstab diġà komplet mill-Aġenzija jew minn Awtorità Kompetenti li tevalwa, flimkien ma' data komplimentari	23 900
	Tariffa għal kull sottomissjoni ta' dossier ġdid	47 800
Talbiet skont l-Artikolu 66(4) sottomessi lill-Aġenzija	Tariffa għal kull oġġett li għalih tintalab il-kunfidenzjalità	1 195"